# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 623.03

## REGOLAMENTI DWAR DRITTIJIET LI JITĦALLSU GĦAR-RENDIMENT TAL-BINI FL-UŻU TAL-ENERĠIJA

16 ta' Novembru, 2010

*L-AVVIŻ LEGALI 308 tal-2010, kif emendat bl-Att XXV tal-2015 u bl-Avviż Legali u 409 tal-2021.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Drittijiet li jitħallsu għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir. *Emendat: XXV. 2015.45.*

"applikazzjoni" tfisser rikjesta magħmula minn assessur tal-EPB reġistrat sabiex issir ir-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija;

"assessur tal-EPB" għandha t-tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. L.S. 623.01

**3.** Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikati tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija li jiġu ppreżentati minn assessur tal-EPB fl-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini. Applikabilità.

**4.** Għandu jitħallas dritt ta' ħamsa u sebgħin euro (€75) lill-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, għar-reġistrazzjoni taċ-Ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, ippreżentat minn assessuri reġistrati. Dritt li għandu jitħallas.